**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 04

Data tal-laqgħa: It-Tnejn 19 t'Awwissu 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-10.00 ta' filgħodu.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ħadd ma kien assenti b'apoloġija

### ASSENTI:
Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Dorianne Bonnici Bondin – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

### 4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

4.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

### 4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 02 u 03

4.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-Tieni Laqgħa u tal-Laqgħa Urġenti Nru. 03. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

4.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti, mistoqsijiet jew matters arising u ma kienx hemm.

4.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kunsillier Carl Betts il-minuti tat-tieni laqgħa ġew approvati unanimament u fuq proposta tal-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia, li kienet issekondata mill-Kunsilliera Diane Abela Penza l-minuti tal-laqgħa urġenti Nru.03 ġew ukoll approvati unanimament.

### 4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.3.1 Waqt din il-laqgħa ma kienx hemm ebda komunikazzjoni mis-Sindku.

### 4.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

4.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

### 4.5 Korrispondenza

4.5.1 Ġie preżentat ir-rapport ta' Korrispondenza fejn is-Sindku spjega dwar korrispondenza numru 2024/630 dwar ir-risposta mill-qorti rigward il-każ ta' Saviour Galea vs Lija Local Council. Is- Sindku spjega li fil-jiem li ġejjin għandna nkellmu lil avukat tagħna biex naraw kif ser imexxu.

4.5.2 Is-Sinjura Lorraine Farrugia Muscia staqsiet dwar korrispondenza numru 2024/639 dwar kwotazzjoni biex tiġi użata l-Mitħna. Hawnhekk is-Sindku spjega fejn il-Mitħna ser titnaddaf tindifa tajba u li għal żmien ta' Jannar ser tinkera biex isir esibizzjoni ta' l-arti fiha.

4.5.3 Is-Sindku spjega ukoll dwar korrispondenza numru 2024/661 dwar email mingħand resident fejn spjega li waqt li kienu saru x-xogħolijiet fi Vjal it-Trasfigurazzjoni fuq il-bankini kienet saret ħsara lill-faċċata ta' dan ir-resident. Huwa spjega li bħala Kunsill aħna kellimna lil perit tagħna biex dan ikellem il-kuntrattur u xorta waħda ħadt ma kellimna lura. Għalhekk ġie deċiż li dan ir-resident għandu jirranġa l-ħsarat u l-ispejjes jintbagħtu lill-kuntrattur ikkonċernat.

### 4.6 Festa tas-Salvatur 2024

4.6.1 Is-Sindku tkellem dwar il-Festa titulari f'Ġieħ Kristu s-Salvatur 2024 fejn xtaq jagħmel rendikont ta' x'kien hemm tajjeb u x'kien hemm inqas tajjeb biex għas-sena dieħla naraw li jsiru biex inkomplu ntejbu s-servizz tagħna u jkollna festa mill-isbaħ.

4.6.2 Is-Sindku kompla jispjega li waħda mill-affarijiet li s-sena d-dieħla rridu nieħdu ħsieb hi li fl-area fejn isir in-Nar ta' l-Art fi Triq Giovanni Barbara rrid jitnaddaf sew wara li dan isir. Għalhekk is-sena d-dieħla niftehmu biex din l-area titnaddaf ukoll. Is-Sindku kompla jżied li l-kenniesa għamlu xogħol vera tajjeb u l-biċċa l-kbira tar-raħal kien vera nadif f'din il-ġimgħa tal-festa.

4.6.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar kif din is-sena bħal kull sena kellna l-bins fil-pjazza u l-madwar u sfortunatament xorta waħda kien hemm xi nies li baqaw jitfaw fl-art speċjalment fuq iz-zuntier. Is-Sindku spjega kif sentejn ilu kien deċiż li l-bins bil-permess tal-Kappillan isiru fuq iz-zuntier però kien hemm min ma ħax gost għax qal li dak kien post sagru u l-bins mhux posthom hemm. Allura din is-sena ġie deċiż li jitpoġġew taħt iz-zuntier bil-konsegwenza li kien hemm ħafna ħmieġ.

4.6.4 Is-Sinjura Farrugia Muscia xtaqet titkellem ukoll dwar li f'ċertu toroq il-karti tal-marċ ma ġewx miknusa. Is-Sindku spjega li xi kultant dawn il-karti tant huma żgħar li jidħlu per eżempju fil-palandri tal-festa u wara li jitneħħew jinżlu kollha fl-art u jidher li qisu dik l-area ma ġietx magħmula.

4.6.5 Il-Viċi Sindku xtaq iżied ukoll li per eżempju meta jintramaw u jitneħħew it-tiżjin tal-festa mill-għaqdiet jitħallew ħafna biċċiet ta' ħbula fl-art li jagħmlu ikrah. Għalhekk li kieku ikollhom magħhom xi kaxxa u dawn il-fdalijiet jitfawhom hemm ikun ħafna aħjar.

4.6.6 Is-Sindku xtaq iżied ukoll biex it-tappieri tal-ħadid li jintużaw tal-festa ma jitħallewx miftuħin u jerġaw jingħalqu u jinġabar kollox wara li l-festa tkun għaddiet. Kompla jitkellem ukoll kif din is-sena l-latrini pubbliċi kienu vera nodfa bis-saħħa ta' min jieħu ħsiebhom fejn dan għamel xogħol vera tajjeb. Kompla jispjega ukoll kif wara li tneħħew il-karozzi mit-triq il-Forn qabel il-purċissjoni s-Sindku nforma l-kennies biex titnaddaf sew din il-parti ta' triq.

4.6.7 Is-Sinjura Diane Abela Penza ssuġġerit biex għal sena oħra nieħdu nota ta' dawn ix-xogħolijiet kollha biex għall-festa li jmiss insibuhom lesti. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li koppja ta' l-emails u l-minuti jitħallew fil-file tal-kiosks tal-festa biex is-sena ta' wara nsibuhom.

4.6.8 Is-Sindku xtaq jagħlaq billi jgħid li l-gabbani tal-festa għal din is-sena l-biċċa l-kbira kulħadd kien jinsab f'postu però kien hemm gabbana partikolari tal-ġelat li ħareġ ħafna l-barra fejn it-torri li għal sena oħra dan ser jiġi avżat biex joqgħod f'postu sew.

## 4.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

4.7.1 <u>Xogħolijiet mill-Public Works għall-Kunsill Lokali</u>
Is-Sindku ressaq fuq il-mejda lista ta' bankini ġodda biex tintbagħat lill-Public Works. Dawn il-bankini jinsabu fi Triq Mikielanġ Borg, Triq Antonio Azzopardi u Triq il-Mitħna (mit-triq San Liċinju sa triq Kardinal Ferretti).

4.7.2 Ġie deċiż li din il-lista tintbagħat lill-Public Works b'dawn il-biċċiet xogħol.

4.7.3 <u>Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet 2024</u>
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda korrispondenza dwar il-Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet 2024 li ntbagħtet mingħand ir-Reġjun Lvant. F'din il-korrispondenza ġejna nfurmati lis-Sindku Anthony Dalli ġie magħżul flimkien ma' Sindki oħra biex bejn is-07 u l-10 t'Ottubru biex jattendi għal dan l-avveniment ġewwa Bussel. F'din il-korrispondenza ġejna ukoll infurmati li hemm allowance ta' €242.00 kull lejl travel subsistence skond Perdiem Rates November 17 li jridu jitħallsu mill-Kunsill Lokali bħala rimbors lill-parteċipanti.

4.7.4 Din it-talba ġiet approvata unanimament.

4.7.5 <u>Spejjes Festa Salvatur 2024</u>
Is-Sindku tkellem li bħal kull sena b'kollaborazzjoni l-Kunsill Lokali flimkien mal-Parroċċa u l-Kumitati li jorganizzaw il-festa biex nkomplu nsaħħu l-kultura u l-volontarjat fil-lokalita' tagħna qiegħdin inħallsu parti żgħira mill-ispejjes ta' dawn l-għaqdiet.
Parroċċa Lija €1,000.00 mużika sagra waqt il-funzjonijiet tal-Knisja,
Każin Soċjeta' Banda San Pio X €800.00 kollaborazzjoni dwar mużika u volontarjat,
Każin Soċjeta' Sant'Andrija €800.00 kollaborazzjoni dwar mużika u volontarjat,
Kumitat Festi Esterni €720.00 pagament lil Enemalta għal kiri tal-mains u meters.
Bħala Għaqda tan-Nar San Mikiel anke din is-sena tħallas l-ammont ta' €1,149.11 għall-Fire Engine waqt il-festa fejn dan ser jiġi kkompensat mill-għajnuna tal-Ministeru tal-Kultura u Gvern Lokali.

4.7.6 Din it-talba ġiet approvata unanimament minn kulħadd.

4.7.7 **Christmas Market – Laqgħa mal-għaqdiet kollha tar-raħal**

Is-Sindku tkellem dwar kif jixtieq li nibdew nippreparaw għal dan l-avveniment ta' Christmas Market ġo raħal tagħna billi tissejjaħ laqgħa biex jattendu l-għaqdiet kollha tar-raħal.

4.7.8 Is-Sindku spjega fejn din hija opprotunita' għal kull għaqda tar-raħal biex tattendi u tagħmel ftit qliegħ f'dawn il-jumejn ta' festa u attivitajiet. L-għaqda tista' tagħżel hi ser tkun qed tessibixxi u tbiegħ.

4.7.9 **Direttiva 1/2024 u Direttiva 2/2024 – Laqgħa Statutorji tal-Kunsilli.**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda korrispondenza dwar direttiva 1/2024 u direttiva 2/2024 dwar il-laqgħat tal-Kunsill Lokali fejn l-ewwel direttiva ġiet revokata u għalhekk ġie kkjarifikat li l-membri tal-Kunsill għandhom jattendu fiżikament għal kull laqgħa tal-Kunsill Lokali.

4.7.10 Kulħadd ħa nota dwar din id-direttiva.

4.7.11 **Risposta mingħand Transport Malta dwar il-Proposti fi Vjal it-Trasfigurazzjoni**

Is-Sindku ressaq fuq il-mejda risposta li rċevejna mingħand Transport Malta dwar is-suġġerimenti li ntbagħatu lilhom dwar il-proposti fi Vjal it-Trasfigurazzjoni fil-jiem li għaddew.

4.7.12 Wara li l-Kunsill iddiskuta din ir-risposta ġie deċiż li għandna mexxu bl-installazzjoni tar-road hump fi Vjal it-Trasfigurazzjoni għal min tiela' lejn it-Torri. Il-Kunsill ma qabilx ma tip ta' crash barriers li ġew issuġeriti u għalhekk ser nippruvaw inġibu alternattivi oħra ta' barriers li mhumiex ta' dak il-materjal. Il-Kunsill spesifika ukoll li ma jaqbilx li Ferdinand Grech isir one-way.

4.7.13 **E-mail rigward Charging Pillars ġodda**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda korrispondenza li ntbagħtet dwar Charging Pillars ġodda biex jiġu nstallati f'diversi toroq li huma fi Triq San Mikiel (Ex. Triq Preziosi), Triq Santa Manswetta, Triq Wiġi Muscat, Triq Sir Ugo Mifsud (Housing Estate), Triq il-Mitħna u triq Pantar.

4.7.14 Dawn ic-Charging Pillars ġodda ġew approvati unanimament.

4.7.15 **Talba għall-One way fi Triq San Liċinju**

Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill talba biex Triq San Liċinju minn Triq Annibale Preca tiġi one-way.

4.7.16 Wara li saret diskuzzjoni mill-Kunsill ġie deċiż li għandna napplikaw ma' Transport Malta għall-approvazzjoni ta' din it-talba.

4.7.17 **Triq il-Kbira – Traffic Survey**

Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali talba mingħand ir-resident ta' triq il-Kbira dwar it-traffiku u l-inġenji l-kbar li qiegħdin jgħaddu minn din it-triq.

4.7.18 Is-Sindku ssuġerixxa li għandu jsir traffic survey kif kien sar fi Triq Sant'Andrija u fi Triq Annibale Preca għall-ġimgħa qabel ma tibda l-iskola u wara li tkun bdiet is-sena skolastika.

4.7.19 **Talba għall-bankina fi Triq Preziosi**

Tressqet fuq il-mejda korrispondenza mingħand resident dwar talba għall-bankina fi triq Preziosi quddiem ir-residenza tiegħu minħabba li kull darba bil-mod kif isir l-ipparkjar qegħdin jagħlqu l-aċċess tal-bieb tad-dar tiegħu.

4.7.20 Is-Sindku spjega kif quddiem din ir-residenza diġà kien sar walking White line mill-Kunsill Lokali biex jitħalla l-ispazju minn mal-bieb wara suġġeriment mit-Transport Malta li kienu ġew onsite visit. Ġie deċiż li niktbu lill-Transport Malta fejn ngħidulhom li konna nagħtajna l-permess li nagħmlu White walking line u li qatt ma kien hemm problemi qabel mir-residenti l-oħra u li l-Kunsill Lokali ma jaqbilx li jitneħħew aktar parkeġġi minn din l-area.

4.7.21 **Talba għall-mera fi Triq il-Kunċizzjoni**

Is-Sindku ressaq fuq il-mejda talba għall-mera fi Triq il-Kunċizzjoni.

4.7.22 Din it-talba ġiet approvata unanimament.

4.7.23 **Junior Science Club 2024 - 2024**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda korrispondenza dwar il-Junior Science Club 2024 – 2024 li għal dawn l-aħħar snin il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija ħa sehem flimkien ma' l-iskola Primarja.

4.7.24 Wara li saret diskussjoni l-Kunsill Lokali approva li anke għal din is-sena jerġa jsir dan il-club fejn jitħallsu dawn il-lezzjonijiet mill-Kunsill.

## 4.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

4.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 8/24 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €197.51 għax-xahar ta' Lulju.

4.8.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 8/24) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Carl Betts. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv lura.

## 4.9 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

4.9.1 Is-Sindku qal kif applikazzjonijiet alarmanti riċenti ma kienx hemm kif ukoll li l-Kunsilliera jiġu nfurmati billi kull ġimgħa jintbagħtu l-planning review għall-attenzjoni tagħhom. Kull ma qed tissuġerilna town planner hu biex infakkru lis-Supretendent tal-Heritage biex jagħmel oġġezzjoni jekk hemm bżonn. Il-Kunsill kollu qabel li bħala Kunsill ma nistawx kull darba noqgħodu nfakkru lill-Heritage dwar dan għaliex dan huwa xogħol tiegħu li jieħu ħsieb dawn il-permessi

## 4.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

4.10.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

4.10.2 Il-Kap tal-Minoranza s-Sinjura Lorraine Farrugia Muscia xtaqet tistaqsi kif ftit ta' snin ilu kienet saret applikazzjoni mal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-bus shelters ġodda fejn dawn għadhom ma sarux u għalhekk f'hiex waslu.

4.10.3 Is-Sindku qal li ser nerġaw nibagħtu lil AKL dwar dawn il-bus shelters ġodda.

4.10.4 Is-Sinjura Lorraine Farrugia Muscia xtaqet tistaqsi ukoll dwar il-parkeġġ ta' Triq is-Salvatur biex jiżdiedu. Issa li sibna l-pjanta li kien għamel il-perit tagħna jekk nistawx meta jsir il-plotting tal-parkeġġ f'din it-triq isiru aktar spazji fejn wieħed jista' jipprakja.

4.10.5 Is-Sindku qal li nerġaw inkellmu l-perit tagħna biex jagħmel re visit tal-pjanta tal-parkeġġ f'din it-triq u wara li din isir tintbagħat lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

4.10.6 Il-Kap tal-Minoranza s-Sinjura Lorraine Farrugia Muscia xtaqet tistaqsi ukoll dwar il-parkeġġ li għadu qiegħed isir mal-ħajt fi Triq Merino. Hija qegħeda tgħid li tabella li tinsab mal-ħajt li turi li ma tistax tipparkja qiegħeda ħafna l'isfel u li m'għadiex tidher għax iċċarat ħafna bix-xemx. Hija qegħeda tgħid ukoll li jekk ser tinbidel ma tistax titpoġġa fejn kienet għaliex meta jibda u jsir il-ġnien ta' Triq Merino fejn hemm it-tabella ser isir l-entratura tal-ġnien u għalhekk trid isir aktar il-fuq. Hija qed tissuġġerixxi li meta l-proġett ikun lest isir double yellow lines ma' dawra tal-ġnien kollu.

4.10.7 Is-Sindku spjega li meta ser jibdew ix-xogħolijiet u jitlesta x-xogħol ta' dan il-ġnien eventwalment ħadd ma jkun jista jipparkja mad-dawra kollha.

4.10.8 Il-Kunsilliera Diane Abela Penza xtaqet tistaqsi jekk il-Ġnien ta' Merino wara li jitlesta hux ser ikun magħluq b'xi grada.

4.10.9 Is-Sindku spjega li iva l-ġnien ser ikollu grada u jingħalaq filgħaxijiet. Kif ukoll ser jieħdu ħsiebu l-Project Green fejn wara ħames snin ser jgħaddi f'idejn il-Kunsill Lokali.

4.10.10 Il-Kunsilliera Diane Abela Penza xtaqet tistaqsi mistoqsija oħra jekk ic-charging pillars meta jsiru rridtx ikun hemm bankina.

4.10.11 Is-Sindku spjega li meta jsiru dawn ic-charging pillars isir biċċa bankina biex ma jintlaqtux imma ovvjament jittieħdu xi tlett parkeġġi.

4.10.12 Il-Ħin kien 12:00pm x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 19 ta' Settembru 2024 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-10:00am mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum il-Ħamis 19 ta' Settembru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Dorianne Bonnici Bondin |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |